**Introduzzjoni: QUDDIESA ĦAMIS IX-XIRKA**

Bil-quddiesa tallum, imsejħa *in Coena Domini*, nagħtu bidu għat-TRIDU MQADDES. Aħna nqisu dawn it-tlett ijiem ta' Ħamis ix-Xirka, il-Ġimgħa l-Kbira u l-Vġili tal-Għid, bħala unita' waħda. Fil-fatt, il-quddiesa tallum tibda bir-radd tas-salib u l-barka tal-aħħar tingħata wara ċ-ċelebrazzjoni tal-Qawmien tal-Mulej, is-Sibt li ġej.

Illum, se nfakkru dak li Ġesu' għamel fiċ-ċenaklu "awl'illejl qabel ma bata' għalina", jiġifieri: (a) it-twaqqif tal-Ewkaristija (b) it-twaqqif tas-saċerdozju (c) il-kmandament tal-imħabba.

L-ewwel qari, mill-Ktieb tal-Eżodu, ifakkarna fl-ikla tal-Għid li l-Lhud għamlu fl-Eġittu qabel ma qabdu t-triq tal-ħelsien. Dak il-jum kellu jkun jum ta' tifkira "għaż-żminijiet kollha li ġejjin".

Kliem San Pawl lill-Korintin ifakkarna f'dak li ġara fil-lejl li fih il-Mulej kien ittradut. L-Appostlu jgħidilna li kull darba li aħna nġeddu dak li Ġesu' għamel fiċ-Ċenaklu: "intom ixxandru l-mewt tal-Mulej sa ma jiġi".

L-Evanġelju skond San Ġwann juri l-aħħar siegħat ta' Ġesu' qabel imut għalina. Għalkemm San Ġwann ma jirrakkuntax it-twaqqif tal-Ewkaristija bħall-evanġelisti l-oħra, hu jagħtina l-ġest sabiħ tal-ħasil tar-riġlejn, li se nerġgħu narawh jirrepeti ruħu llejla. Dak il-kliem li Ġesu' qal lid-dixxipli tiegħu, qed jgħidu lilna: "biex kif għamilt jien, hekk tagħmlu intom ukoll".

Fil-quddiesa titkanta l-Glorja u jindaqqu l-qniepen li mbagħad jibqgħu siekta sal-Glorja tal-Vġili tal-Għid.

Il-quddiesa tallum tagħlaq bit-Tranżlazzjoni Solenni tas-Sagrament lejn l-Altar tar-Repożizzjoni fejn l-insara jiġu mħajra, biex f'xi ħin matul il-lejl, jinġabru għall-adorazzjoni quddiem is-Sagrament Imqaddes biex jishru mal-Mulej fl-agunija tiegħu fil-Ġnien taż-Żebbuġ. L-adorazzjoni solenni għandha tintemm ma' nofs il-lejl għax tkun bdiet il-ġurnata tal-Passjoni ul-Mewt tal-Mulej.

Iċ-ċelebrazzjoni tallum tagħlaq billi jiġu mneżżgħa l-altar u jitneħħew jew jitgħattew is-slaleb tal-knisja.